MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Appell Civili Numru. 526/2013/1

**Claudette Buttigieg**
***v.***
**Kummissjoni Elettorali**

1. Din hija kawża għal tħassir ta’ elezzjoni taħt it-Tlittax-il Skeda tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali [Kap. 354]. L-attriċi qiegħda titlob illi l-qorti (i) tordna t-tħassir tal-għadd tal-voti tal-elezzjoni ġenerali tad-9 ta’ Marzu 2013 fit-tmien distrett u (ii) tordna li l-għadd tal-voti jsir mill-ġdid.

2. L-attriċi fissret illi, minħabba żball tal-Kummissjoni Elettorali [“il-Kummissjoni”], ħamsin (50) vot li taw l-ewwel

preferenza lill-attriċi tqiegħdu fil-garzella ta' kandidat ieħor, Dr Michael Asciaq. Dan l-iżball inkixef meta ġie eliminat Dr Asciaq u sar it-trasferiment tal-voti tiegħu. L-attriċi ipprotestat bil-miktub u talbet illi l-għadd isir mill-ġdid. Il-Kummissjoni, għalkemm għarfet l-iżball, billi kienet tal-fehma illi "ma tistax, skont il-liġi, tiftaħ mill-ġdid għadd li jkun diġà magħluq u pubblikat, iddeċidiet li tkompli bil-għadd tal-voti skont il-liġi".

3. Dan, tgħid l-attriċi, iwassal biex hija ġġarrab preġudizzju u biex l-espressjoni ħielsa tal-elettorat mhux sejra tiġi riflessa fir-riżultat tal-elezzjoni għat-tmien distrett. Għalhekk għamlet it-talba tallum taħt ir-Regolament 16(1) tat-Tlittax-il Skeda tal-Kap. 354.

4. Il-Kummissjoni, filwaqt li stqarret illi "seta' kien hemm żbalji tekniċi", wieġbet illi r-Regolament 16(1) tat-Tlittax-il Skeda tal-Kap. 354 irid illi l-protest bil-miktub ikun sar "qabel ma jingħata r-riżultat tal-voti" tal-għadd partikolari li fih sar l-iżball, li ma sarx f'dan il-każ, u għalhekk ma tistax issir korrezzjoni.

5. Fil-fehma ta' din il-qorti l-eċċezzjoni tal-Kummissjoni dwar jekk il-protest bil-miktub tal-attriċi sarx fiż-żmien li trid il-liġi teħtieġ deċiżjoni (i) tal-kwistjoni jekk it-talba tal-attriċi taqax tassew taħt ir-Regolament 16(1) tat-Tlittax-il Skeda tal-Kap. 354, *i.e.* jekk hijiex kontra deċiżjoni dwar "kwistjoni fuq trasferiment ta' voti" jew hijiex dwar xi żball ieħor, (ii) dwar jekk l-attriċi "marritx kontra" d-deċiżjoni tal-Kummissjoni "bil-miktub" fiż-żmien li trid il-liġi, *i.e.* qabel ma ngħata r-riżultat tal-voti; u (iii) dwar it-tifsira tal-kliem "jingħata r-riżultat tal-voti" u kif jingħata dak ir-riżultat.

6. Madankollu, fil-każ tallum ma huwiex meħtieġ eżami ta' dawn il-kwistjonijiet billi, fil-fehma tal-qorti, l-attriċi ma għandhiex interess ġuridiku biex tmexxi b'din l-azzjoni. Tassew illi ma tressqitx eċċezzjoni formali ta' nuqqas ta' interess ġuridiku, ghalkemm waqt it-trattazzjoni orali l-Kummissjoni intimata ssollevat din il-kwistjoni li giet dibattuta mill-partijiet. Madankollu il-kompitu tal-qrati hu li jagħtu deċiżjonijiet li jaqtgħu kontroversji konkreti u mhux li jagħtu deċiżjonijiet ta' interess purament akkademiku, ukoll jekk il-partijiet jaqblu li jsir hekk u għalhekk ma titressaqx l-eċċezzjoni relativa. Għalhekk, meta d-deċiżjoni ma tagħmel ebda differenza għall-pożizzjoni

legali tal-attur li, għal din ir-raġuni, ma jkollux interess ġuridiku fl-eżitu, l-eċċezzjoni għandha titressaq *ex ufficio*[1].

7. L-eċċezzjoni tista' validament titressaq fil-kawża tallum għax, għalkemm hemm interess pubbliku li l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament issir validament, madankollu l-azzjoni tallum ma hijiex *actio popularis* u l-liġi teħtieġ l-inizjattiva tal-kandidat interessat biex iressaq l-azzjoni.

8. L-eċċezzjoni jixraq illi tintlaqa' għal din ir-raġuni: mix-xiehda tal-Kummissjoni irriżulta illi r-riżultat tal-elezzjoni ġenerali ħoloq sitwazzjoni fejn, bis-saħħa tal-art. 52(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"], il-partit li għalih tappartjeni l-attriċi sejjer jingħata erba' siġġijiet "addizzjonali" u l-attriċi hija fost l-ewwel erba' kandidati tal-partit tagħha li jmisshom dawn is-siġġijiet addizzjonali.

9. Il-preġudizzju li setgħet iġġarrab l-attriċi minħabba l-iżball fil-għadd tal-voti huwa li ma tiġix eletta. F'kull każ, iżda, l-attriċi sejra tiġi eletta bis-saħħa tal-art. 52(1) tal-Kostituzzjoni u għalhekk ma hija sejra ġġarrab ebda preġudizzju. Tassew illi l-attriċi tilmenta illi għandha interess illi tiġi eletta bħala deputat "oriġinali" mid-distrett tagħha u mhux bħala deputat "addizzjonali". Dan iżda ma huwiex interess ġuridiku għax taħt il-liġi s-siġġijiet "addizzjonali" għandhom l-istess siwi u privileġġi bħal dawk "oriġinali".

10. Il-liġi trid finalità ċerta kemm jista' jkun malajr fir-riżultat tal-elezzjoni u għalhekk, fl-interess ta' dan, ikun hemm drabi fejn ma tkunx tista' ssir korrezzjoni ta' żbalji. Tassew, il-qorti ma teskludix li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn l-interess tal-korrettezza assoluta jegħleb dak taċ-ċertezza ta' malajr, iżda dan ma huwiex wieħed minnhom ladarba l-kandidata interessata ma hija sejra ġġarrab ebda preġudizzju.

11. Billi għalhekk hija tal-fehma illi l-attriċi ma għandhiex interess ġuridiku biex tmexxi b'din l-azzjoni, il-qorti teħles lill-Kummissjoni mill-ħarsien tal-ġudizzju.

12. Billi kien żball tal-Kummissjoni konvenuta li wassal biex saret il-kawża huwa xieraq illi l-ispejjeż kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

---

[1] Ara *e.g.* Kevin Chircop *v.* Joseph Chircop, App. Inf. 28 ta' Jannar 2004; Veronique Amato Gauci *et v.* Marco Zammit *et*, App. Inf. 19 ta' Mejju 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------